

MT

MT

MT



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 16.4.2010
KUMM(2010)169 finali

**ABBOZZ TAL-BAĠIT TA' EMENDA Nru 4
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2010**

**DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA
Taqsimi III – Il-Kummissjoni**

ABBOZZ TAL-BAĠIT TA' EMENDA Nru 4
GĦALL-BAĠIT ĠENERALI TAL-2010

DIKJARAZZJONI TAN-NEFQA TAQSIMA B'TAQSIMA
Taqsimha III – Il-Kummissjoni

Wara li ġew ikkunsidrati:

- it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 314 tiegħu, flimkien mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 106a tiegħu,
- ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,
- il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 adottat fis-17 ta' Diċembru 2009²,

Il-Kummissjoni Ewropea hawnhekk tippreżenta lill-awtorità tal-baġit l-Abbozz tal-Baġit ta' Emenda Nru 4 għall-baġit tal-2010.

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p.1.

² ĠU L 64, 12.3.2010.

TIBDILJET FID-DIKJARAZZJONI ĠENERALI TAD-DĦUL

It-tibdiliet fid-dikjarazzjoni ġenerali tad-dħul huma disponibbli fuq il-EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu/budget/www/index-mt.htm>). Qed tiġi meħmuża verżjoni bl-Ingliż tal-bidliet f'din id-dikjarazzjoni, taqsima b'taqsima għall-informazzjoni bħala anness tal-baġit.

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

L-Abbozz preżenti tal-Baġit ta' Emenda (ABE) Nru 4/2010 huwa maħsub biex iqassam il-bilanċ favorevoli li rriżulta mill-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena 2009. Kif inhu pprovdut fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej³, skont l-Artikolu 15 § 3, huwa l-uniku objettiv ta' dan l-Abbozz (il-DAB) u għandu jkun sottomess fi żmien 15-il jum wara s-sottomissjoni tal-kontijiet proviżorji, li seħħet fil-31 ta' Marzu 2010.

1. L-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena 2009 turi bilanċ favorevoli ta' EUR 2 253 591 199 (li ma jinkludix il-kontribuzzjonijiet mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) u miż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE)), li għalhekk iddaħħal bħala dħul fil-baġit tal-2010.

Ir-reġistrar tal-bilanċ favorevoli jista' jiġi analizzat kif ġej:

2009	EFTA-ŻEE	L-Unjoni Ewropea	Total
Dħul għas-sena finanzjarja	218 892 911,00	(*) 117 406 676 848,42	117 625 569 759,42
Pagamenti kontra approprjazzjonijiet għas-sena kurrenti	-204 128 043,69	(**) -116 374 827 992,85	-116 578 956 036,54
Approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mgħoddija għas-sena N+1	-4 142 623,07	-1 754 716 988,30	-1 758 859 611,37
Kanċellazzjonijiet ta' approprjazzjonijiet mhux użati miġjuba mis-sena N-1		337 194 076,32	337 194 076,32
Differenza bejn dħul assenjat trasferit mis-snin N-1 għal N u minn N għal N+1		2 453 723 495,39	2 453 723 495,39
Differenzi tal-kambju għas-sena		185 541 760,39	185 541 760,39
Outturn baġit 2009	10 622 244,24	2 253 591 199,37	2 264 213 443,61

(*) Tinkludi dħul assenjat ta' EUR 3 595 628 362

(**) Tinkludi ħlasijiet kontra approprjazzjonijiet ta' dħul assenjati ta' EUR 6 049 351 857

2. L-ibbaġġitjar tal-bilanċ favorevoli se jnaqqas għaldaqstant il-kontribuzzjoni globali tal-Istati Membri għall-iffinanzjar tal-Baġit tal-UE. Dan it-tnaqqis globali skont l-Istat Membru se jkun ukoll influwenzat mill-previżjoni aġġornata tar-riżorsi proprji (Riżorsi Proprji Tradizzjonali (TOR), Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) u d-Dħul Gross Nazzjonali (DGN) inkluż l-ammont aġġornat tal-korrezzjoni tar-Renju Unit. F'Ġunju, il-Kummissjoni se tippreżenta, f'Abbozz tal-Baġit ta' Emenda separat, previżjonijiet aġġornati, li mistennija jkomplu jbiddu l-ammonti tal-kontribuzzjonijiet skont il-pajjiż.

³ ĠU L 248, 16.9.2002, p.1.